# IL-BIBBJA U L-ASTRO-LOĠIJA

Minn
George Ebejer

# IL-BIBBJA U L-ASTROLOĠIJA

Xi wħud jgħidu li l-Bibbja tappoġġja l-prattika ta' "l-astroloġija." Huma jikkwotaw xi passaġġi mill-Bibbja bħala appoġġ għal dak li huma jgħidu. Jiġu kkwotati, Ġenesi 1:14-18; Imħallfin 5:20; Ġob 26:12; 38: 31-33; Salm 19:1-3; 89:35-37; 104:19; 136:7-9; 147:3-4; Isaija 40:26; Ġeremija 10:2; Danjel 1:20; eċċ. Imma dawn ma jgħallmux li wieħed għandu jaqra x-xorti, l-oroskopju, jagħmel is-seħer, jeħber, jitkellem ma' l-is-pirti ta' nies mejta u ħwejjeġ oħra bħal dawn! Lanqas ma jgħallmu li int ghandek toqgħod fuq l-istudju tal-pjaneti għall-gwida spiritwali. Dan huwa xhieda għall-vojt spiritwali taż-żminijiet tagħna. F'Salm 19, David irrefera għas-smewwiet u uża s-sistema kollha ta' l-iġsma tas-sema bħala xhieda tal-kobor u l-glorja ta' Alla, pjuttost milli bħala l-bażi għal reliġjon ritwali. Li tistudja l-pjaneti u l-univers ma hemm xejn ħażin, dak kollu huwa ħolqien ta' Alla. Imma li tapplika l-pjaneti, kwiekeb, eċċ., u tinterpretahom bil-ħsieb li tiddetermi-na l-korsa ta' ġrajjiet fil-futur permezz tal-pożizzjoni u r-relazzjoni ta' l-iġsma tas-sema f'mument mogħti, hu żball, u huwa kkundannat minn Alla. Isma' xi jgħid Ġeremija dwar li tinterpreta "s-sinjali tas-sema":

> "*Hekk igħid il-Mulej: "La titgħallmux timxu fi triq il-ġnus, u la titbeżżgħux mis-sinjali tas-sema; għalkemm il-ġnus jitbeżżgħu minnhom*" (Ġeremija 10:2).

Xi wħud iħobbu jaqraw l-oroskopju tagħhom, forsi int ukoll qrajtu tiegħek, sempliċiment forsi għall-gost,

imma jekk inti tqara xi ħaġa bħal "La tieħux deċiżjo-ijiet importanti llum," jew "Din tkun ġurnata ta' xorti tajba għalik," ikollu dan impatt fuq l-imġieba tiegħek?

Fl-assenza ta' relazzjoni ma' Alla, ħafna nies fitt-xew gwida minn dak li toffri l-astroloġija. Il-kelma as-troloġija ġejja minn żewġ kelmiet: *astro*-kwiekeb jew pjaneti u *loġija*-għarfien tal-kwiekeb. Dan huwa twe-mmin li ġrajjiet umani huma ddeterminati permezz tal-pożizzjoni tal-pjaneti fil-ħin tat-twelid ta' dik il-persu-na. Astrologi jistqarru li huma kapaċi jinterpretaw il-futur b'qawwiet mistiċi u għarfien speċjali.

Sa minn nofs is-sittinijiet, kien hemm żieda kbira fil-popolarità ta' ħbir u kxif ta' ħwejjeġ moħbija bħall-ikieku b'għajnuniet sopranaturali, seħer, qari tal-fortu-na, l-aktar fost iż-żagħżagħ madwar id-dinja kollha. Ħbir ta' dak li għandu jiġri b'mezzi sopranaturali hija prattika ta' l-okkult fejn persuna tbassar ġrajjiet tal-futur jew tikseb għarfien sigriet dwar il-personalità jew il-ħajja ta' xi ħadd. Metodi popolari tal-ħbir (bl-Ingliż imsejjaħ "divination") huma: astroloġija, karti tal-logħob li jintużaw fil-qari tax-xorti (tarot cards), qari tal-pala ta' l-id, konsultazzjonijiet psikiki, midjum (bniedem li jgħid li jista' jikkomunika ma' l-erwieħ/ spirti tal-mejtin u jgħid lil ħaddieħor xi jsir jaf minn għandhom) u l-hekk imsejħa "ouija boards" (twavel immarkati bl-ittri ta' l-alfabet u sinjali oħra, użati fil-laqgħat ta' l-ispiritwalisti biex jirċievu messaġġi li jgħidu jibagħtuhom il-mejtin).

Għaliex din il-prattika (speċjalment l-astoloġija) sa-ret daqshekk popolari fil-kultura "xjentifika" moderna

tagħna? Għaliex in-nies iridu gwida personali fil-ħajja tagħhom. Għaliex in-nies iridu jkunu jafu l-futur, għal-iex għarfien tal-futur ifisser kontroll tal-futur. Kontroll tal-futur, permezz ta' mezzi ta' l-okkult, huwa maħsub li jagħti persuna vantaġġ fuq oħrajn. Dan il-vantaġġ jagħti s-setgħa. In-nies iridu li jippredestinaw il-ħajja tagħhom infushom permezz ta' għarfien minn qabel. Element tal-qofol fil-ħbir huwa li n-nies ifittxu dan l-għarfien fuq it-termini tagħhom stess. Psikiki u dawk li juru u jifirxu mapep ġeneralment jagħtu aħbarijiet tajba vagi lill-klijenti tagħhom. Jekk dawn jagħtu xi aħbar ħażina, huma jispiċċaw minn negozju tagħhom. Għalhekk huma dejjem ikunu attenti dwar dak li jgħidu. Dan ifisser li l-aħbarijiet tagħhom il-biċċa l-kbira dejjem ikunu aħbarijiet tajba. Isaija jgħid hekk dwar dawn in-nies:

> "*Għax dan poplu xewwiex, ulied gid-dieba, ulied li ma jisimgħux mil-liġi ta' Alla: Li jgħidu lil bassara: La tarawx dehriet: u lill-profeti: La tħabbrulniex id-dritt, għidulna ħwejjeġ sbieħ, ħabb-rulna illużjonijiet*" (Isaija 30:9-10)

Għalhekk, l-astrologi, il-psikiki u dawk kollha li jeħ-bru, fin-natura, huma profeti foloz. Danjel jgħid hekk:

> "*Is-sigriet li s-sultan irid jaf, la l-għor-rief, la l-bassara, la l-maġi u lanqas l-astroloġi m'għandhom il-ħila juruh lis-sultan. Iżda hemm Alla fis-sema li jikxef il-misteri,…*" (Danjel 2:27-28).

Dan ma jfissirx li l-psikiki qatt ma kienu korretti. Permezz tal-koinċidenza u qerq tad-demonju ħafna nies qegħdin ikunu ngannati f'li jsiru segwaċi ta' din il-prattika ta' l-okkult. Meta jiġu għat-teħbir, it-tattika ta' Satana hija sempliċi: agħti lin-nies dak li huma jridu, għidilhom dak li huma jridu jisimgħu. Ġeremija jgħid:

> "*Il-profeti jħabbru l-gideb, u l-qassisin imexxu skond kapriċċihom, u l-poplu tiegħi hekk iħobb!...*" (Ġeremija 5:31).

**X'tgħid il-Bibbja dwar l-Astroloġija?**

Il-kelma "astroloġija" ma tidhirx fil-Bibbja, imma l-Ktieb ta' Danjel isemmi l-"Astrologi." Dwar dan sejrin naraw aktar tard.

L-ewwel darba li l-Bibbja titkellem dwar l-astroloġija huwa f'Eżodu 7:11 meta:

> "*l-Fargħun ukoll sejjaħ lil għorrief u s-saħħara: Issa s-saħħara ta' l-Eġittu, huma wkoll għamlu l-istess bis-sħarijiet tagħhom.*"

Billi l-mexxej Eġizzjan u l-kunsilliera tiegħu kienu mi-ngħajr Alla, huma fittxew għarfien u saħħa mill-ħaġa maħluqa minflok mill-Ħallieq, Alla. Aktar tard fit-tieni kapitlu ta' Danjel, Nebukadnessar, Sultan ta' l-Imperu ta' Babilonja fittex it-tweġiba għall-ħolma tiegħu mill-astroloġija tal-Kaldin (Danjel 2:2). Bi kliemhom stess, huma ma setgħux jagħmlu dak lis-sultan ried li jsir (Danjel 2:10-13).

L-astroloġija kienet magħmula xjenza kif nafuha llum mill-Kaldin li żviluppaw it-Teorija Żodjak, li hija

dik il-linja immaġinarja madwar il-pjaneti li hija wżata biex taqra l-ġrajjiet tal-futur. Xi kultant iż-Żodjak hu msejjaħ "iċ-Ċirku ta' Annimali." Iduru madwar iż-Żo-djak hemm Aries il-muntun, Taurus il-Barri, Gemini t-Twemin, Cancer il-Granċ, Leo l-Iljun, Virgo l-Verġni, Libra l-Miżien, Scorpio l-Iskorpjun, Sagittarius l-Arċier, Capricorn il-Mogħoża tal-Baħar, Aquarius Dak li Jġorr l-Ilma, u Pisces il-Ħut. Permezz taż-Żodjak, ix-xemx, il-qamar, u l-pjaneti jidhru li jimxu mil-Lvant għall-Punent. Dan kollu jservi bħala l-pedament li minnu l-astrologi moderni żviluppaw sistemi elaborati li kważi ma jitwemmnux, u li minnu llum jagħtu parir u direzzjoni għall-miljuni. L-oroskopju kien żviluppat minn dan il-mudell maħsub u huwa stampat f'madwar 1,300 gurnal mill-1750 ta' kuljum li hemm fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Gazzetti jipproduċu renta permezz ta' abbonamenti u reklamar li huma riżultat dirett ta' li istampa ta' dak li l-pubbliku jrid jaqra.

Tiberju u Neruni rrikorrew għall-astroloġija biex jiddeċiedu l-ħwejjeġ jew il-kwistjonijiet ta' l-Imperu Ruman. Awgustu ħareġ munita bis-sinjal ta' Capricorn ta' Żodjak stampat fuqha. Astrologi bassru li d-dinja tkun meqruda b'dilluvju fl-1524 għaliex tliet pjaneti kellhom jiltaqgħu taħt is-sinjal Pisces ta' Żodjak, li jir-rappreżenta l-Ħut. Adolf Ħitler jgħidu li fittex il-parir ta' astrologi biex jagħmel deċiżjonijiet militari fil-Ġermanja matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-Istati Uniti biss hemm aktar minn 15,000 astrologu li jaħdmu 'full-time' b'dan ix-xogħol u qrib il-200,000 li jipprat-tikawha fuq bażi 'part-time.' Skond riċerka li

saret aktar minn 32 miljun Amerikan jeħduha serjament. F'Malta din il-prattika daħlet ukoll u ħafna nies sin-ċiera u onesti qegħdin jinqabdu fiha wkoll.

## X'TGĦID IL-BIBBJA DWAR DAN?

Forsi inti qiegħed taħseb, "U ejja, x'hemm ħażin b'daqshekk? Jiena naqra biss il-paġna ta' l-astoloġija fil-ġurnal jew fil-perjodiku." Jew, "Il-ħbieb tiegħi u jien ikollna seduta ta' l-ispirti (*séance*) darba kultant, b'daqshekk? Din għalina hija sempliċiment biex nieħdu ftit gost u xejn aktar." Il-problema bażika b'dak il-ħsieb hija li dak huwa ċċentrat kollu fuq il-bniedem. Dak jinjora għalkollox dak li Alla kien qal dwar min jeħber. Il-Bibbja tgħid li Alla jobgħod il-ħbir f'kull forma b'mibegħda qaddisa:

> "*La titgħallimx tagħmel dawk il-ħwejjeġ ta' min jistkerraħhom ta' dawk il-ġnus. M'għandu jkun hemm ħadd fostok li jgħaddi lil ibnu jew lil bintu minnar bħala offerta, jew wieħed li jobsor, jew li jagħmel il-magħmul, jew jikkonsulta l-ispirti, jew jaqra l-fortuna, jew wieħed li jitħaddet ma' l-erwieħ tal-mejtin. Għax dawk kollha li jagħmlu dawn il-ħwejjeġ koroh, il-Mulej, Alla tiegħek, se jkeċċihom 'il barra minn quddiemek*" (Dewteronomju 18: 9-12).

Jekk inti novlut fl-astroloġija b'xi mod, jew jekk inti tikkonsulta ma' xi psikiku, int mistmerr quddiem Alla. Int saħta f'għajnejn il-Mulej.

Il-Kelma ta' Alla titkellem ċar u bil-qawwa kollha dwar dan is-suġġett. Alla jgħid li t-teħbir (fl-Ingliż jissejjaħ "divination") huwa bla siwi u qarrieqi,

> "*…huma jipprofetizzaw viżjonijiet foloz, teħbir fieragħ, frugħa, u l-qerq ta' qalbhom*" (Ġeremija 14:14).

Il-Mulej iħabbar li dawk li jagħmlu dawn il-ħwejjeġ huma giddieba u profeti foloz, "*huma jħabbrulkom gideb*" (Ġeremija 27:10). Hu jgħid li dawk li jipprattikaw it-teħbir ma jkunux parti mill-poplu Tiegħu, "*huma ma jkunux fil-kunsill tal-poplu tiegħi*" (Eżekjel 13:9). Alla jgħid lit-teħbir huwa falz, ta' ħsara, bla sens u gideb, "*mhux intom kellkom viżjonijiet foloz u ħabbartu taħbir qarrieq?*" (Eżekjel 13:7). Dawk li jagħ-mlu t-taħbir mhumiex mibgħuta mill-Mulej, Alla, "*il-Mulej ma kienx ikun bagħthom*" (Eżekjel 13:6). Il-Mulej ma jitkellimx permezz tagħhom, "*intom tgħidu, 'Il-Mulej qalu'; meta jien ma kontx inkun tkellimt*" (Eżekjel 13:7). Alla jgħid lill-poplu Tiegħu biex ma jitħassibx dwar is-sinjali fis-sema (jiġifieri, astroloġija), għaliex "*id-drawwiet tal-poplu [inkluż l-astroloġija] huma fiergħa*" (jiġifieri, bla użu ta' xejn, ta' ħsara; Ġeremija 10:3). Il-Mulej permezz tal-profeta Isaija ħabbar ġudizzju iebes kontra l-astrologi, fejn qal,

> "*Int għajjiena bil-kotra tal-konsultazzjonijiet tiegħek. Ħa jqumu l-astrologi, u dawk li jħabbru bil-kwiekeb, u dawk li*

> *bil-qamar igħidu x'sa jiġri, u jsalvawk minn dak li ġej għalik! Ara, isiru bħat-tiben; in-nar jaħraqhom; ma jeħilsux lilhom infushom mill-qawwa tal-fjamma:…ħadd ma jkun hemm min isalvak*" (Isaija 47:13-14).

F'Atti 16:16-18, tfajla li kellha spirtu tat-teħbir, (li taqra x-xorti, jew fil-kliem modern, psikika), kellha dawn is-setgħat biss għaliex hija kienet ippossessata minn demonju. L-appostlu Pawlu keċċa dan id-demon-ju barra, fl-isem ta' Ġesù Kristu, u ħeles lit-tfajla minn din l-oppressjoni kerha. Għaliex Alla jogħbod it-teħb-ir? Għaliex dan hu tad-demonju, forma ta' rivelazzjoni mhux awtorizzata. Alla ta lill-bnedmin gwida perfetta u infallibbli għas-salvazzjoni, ħajja u għajxien ġust. Din il-gwida hija l-Bibbja Mqaddsa,

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbha minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timtoju 3:16-17).

Meta nies jirriġettaw, jinjoraw jew jippruvaw biex jallegorizzaw il-Bibbja, sabiex jirkorporawha f'okkult, jew f'paradigma (mudell) ta' era ġdida, huma jkunu qegħdin jasserixxu l-indipendenza tagħhom minn Alla. Huma jinsulentaw il-maestà ta' Alla. Huma jkunu qe-għdin jgħidu bl-azzjonijiet tagħhom, "Il-Bibbja mhix meħtieġa," jew, "Il-Bibbja mhijiex gwida

tajba għall-ħajja." Huma qegħdin jgħidu, "Jiena nagħmel dan bil-mod tiegħi. Jiena m'għandix bżonn lil Alla biex jgħidli x'għandi nemmen jew kif għandi naġixxi." Dawk li jipprattikaw it-teħbir, kemm jekk huma jirrealizzawh jew le, qegħdin jaċċettaw id-dottrina satanika ta' salv-azzjoni u setgħa permezz ta' awtonomija minn Alla (Ġenesi 3:1-6; Imħallfin 21:25).

Kif diġa' rajna, meta l-poplu ta' Alla fit-Testment il-Qadim ipprep-araw biex jidħlu f'Kagħnan fejn kienu jeżistu l-maġija, is-sħarijiet, l-idolatrija, u l-astroloġija, il-kliem li ġej intqal lilhom:

> "*Raġel jew mara, li jsejħu l-ispirti, jew jeħbru, għandhom ikunu maqtulin: jit-ħaġġru bil-ġebel: demmhom ikun fuq-hom*" (Levitku 20:27).

Il-Lhud kien intqal lilhom ukoll,

> "*Meta tkun dħalt fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, sa jagħtik, la titgħallimx tagħ-mel dawk il-ħwejjeġ ta' min jistkerraħ-hom ta' dawk il-ġnus. M'għandu jkun hemm ħadd fostok li jgħaddi lil ibnu jew lil bintu min-nar bħala offerta, jew wieħed li jobsor, jew li jagħmel il-ma-għmul, jew jikkonsulta l-ispirti, jew jaqra l-fortuna, jew wieħed li jitħaddet ma' l-erwieħ tal-mejtin. Għax dawk ko-llha li jagħmlu dawn il-ħwejjeġ koroh, il-Mulej, Alla tiegħek, sa jkeċċihom 'il barra minn quddiemek.*

> *Kun bla ħtija quddiem il-Mulej, Alla tiegħek. Għax dawn il-ġnus, li arthom sa tieħu taħt idejk, jisimgħu minn dawk li jagħmlu l-magħmul, u minn dawk li jobsru: iżda l-Mulej, Alla tiegħek, lilek ma jħallikx tagħmel hekk*" (Dewteronomju 18:9-14).

Alla wera l-falliment ta' l-astroloġija meta qal:

> "*Int għajjiena bil-kotra tal-konsultazzjonijiet tiegħek. Ħa jqumu l-astroloġi, u dawk li jħabbru bil-kwiekeb, u dawk li bil-qamar igħidu x'sa jiġri, u jsalvawk minn dak li ġej għalik! Ara, isiru bħat-tiben; in-nar jaħraqhom; ma jeħilsux lilhom infushom mill-qawwa tal-fjamma: ma jkunx hemm ġamar biex tissaħħan, lanqas nar biex toqgħod quddiemu*" (Isaija 47:13-14).

Wara li Sawl kiser ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla per-mezz ta' diżubbidjenza, hu fittex parir minn spirtu familjari, identifikat fl-Ewwel Samwel 28:7 bħala s-saħħara ta' "Għajn-Dor."

L-appostlu Pawlu jitkellem dwar l-idolatrija u s-sħarijiet bħala egħmejjel tal-ġisem f'Galatin 5:20.

Jiena osservajt tliet attitudni differenti lejn l-astroloġija: (1) Xi nies jipprattikawha għalkollox. (2) Xi nies la jemmnuha u lanqas ma jemmnuhiex. Il-Professur Gibson Reaves tad-dipartiment ta' l-astroloġija ta' l-Università tan-Nofs in-Nhar ta' Kalifornja, ikkonkluda, "Ħadd qatt ma pprova finalment li l-astroloġija ma

taħdimx. Iżda l-ħaġa importanti hija, li hemm ftit xhieda, jekk hemm xi xhieda, li din taħdem." (3) Oħrajn jaħsbu li din hija tad-daħk, interessanti, stramba u sempliċiment għandhom kurżità dwarha.

Fiduċja fl-astroloġija hija pprojbita minn Alla. Ġeremija jgħid,

> "*Hekk igħid il-Mulej: La titgħallmux timxu fi triq il-ġnus, u la titbeżżgħux mis-sinjali tas-sema; għakemm il-ġnus jitbeżżgħu minnhom*" (Ġeremija 10:2).

Alla rrivela dak li aħna neħtieġu li nkunu nafu u żamm sigriet dak li ma neħtieġux li nkunu nafu. Fil-Ktieb ta' Dewteronomju naqraw hekk dwar dan:

> "*Il-ħwejjeġ misturin huma tal-Mulej, ta' Alla tagħna, iżda l-ħwejjeġ mikxufin huma tagħna u ta' wliedna, għal dejjem, biex nagħmlu l-kelmiet kollha ta' dil-liġi*" (29:29).

L-astroloġija, kif ipprattika llum, hija kemm fiergħa kif ukoll midinba. Jekk Alla ma rrivelahiex fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa, aħna nistgħu nkunu ċerti li l-astrologi *ma jafux* it-tweġibiet u dak li huma jippru-vaw ibassru huwa kollu fieragħ!

L-astroloġija, tonora l-ħaġa li Alla ħalaq u tiddiżonora lill-Ħallieq. Li tqim lill-ħaġa maħluqa minflok li tqim lill-Ħallieq huwa midneb, kif hu muri fl-Iskrittura Mqaddsa fejn titkellem dwar xi wħud li:

> "*Biddlu l-verità ta' Alla f'gidba, u taw qima u qdew il-kreatura aktar milli lill-*

*Ħallieq, li hu mbierek għal dejjem*" (Rumani 1:25).

Bħala mezz li tikseb għarfien, l-astroloġija hija bla ebda siwi. Isaija jgħid,

> "*Int għajjiena bil-kotra tal-konsultazzjonijiet tiegħek. Ħa jqumu l-astroloġi, u dawk li jħabbru bil-kwiekeb, u dawk li bil-qamar igħidu x'sa jiġri, u jsalvawk minn dak li ġej għalik! Ara, isiru bħattiben; in-nar jaħraqhom; ma jeħilsux lilhom infushom mill-qawwa tal-fjamma: ma jkunx hemm ġamar biex tissaħħan, lanqas nar biex toqgħod quddiemu*" (Isaija 47:13-14).

Dan il-proċess kollu li toqgħod fuq l-istudju tal-pjaneti għall-gwida spiritwali huwa xhieda għall-vojt spiritwali taż-żminijiet tagħna. Dan hu ċeda mir-raġuni u mir-rivelazzjoni.

F'Salm 19, David irrefera għas-smewwiet u uża s-sistema kollha ta' l-iġsma tas-sema bħala xhieda tal-kobor u l-glorja ta' Alla, pjuttost milli bħala l-bażi għal reliġjon ritwali. Il-kliem familjari tiegħu kien,

> "*Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla; u l-firxa tas-sema turi egħmil idejh. Jum lil ieħor jagħti l-aħbar, lejl lil ieħor iwassal it-tagħrif. M'hemmx aħbar u anqas kliem; leħinhom ma jinstemax. Il-linja tagħhom tgħaddi ma' l-art kollha, u kliemhom imur sa tarf id-dinja.*

*Għarix fihom għamel ix-xemx*" (Salm 19:1-4).

Il-bniedem hu waħdu u inadegwat f'din id-dinja. Is-saħħa tiegħu tiġi mis-sħana ta' l-imħabba ta' Alla, minflok mid-dipendenza tal-bniedem fuq il-kwiekeb u l-pjaneti.

L-appostlu Ġwanni, qrib l-għeluq tal-Ktieb tiegħu ta' Rivelazzjoni jgħid hekk,

> "*Imberkin dawk li jagħmlu l-kmandamenti tiegħu, biex ikollhom id-dritt għas-siġra tal-ħajja, u jistgħu jidħlu fil-belt mill-bwieb. Għax barra huma l-klieb, u* ***s-saħħara****, u ż-żienja, u l-qattiela, u l-idolatri,* ***u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq***" (Rivelazzjoni 22:14, 15).

Is-Salmist jgħidilna:

> "*Afda fil-Mulej, u agħmel it-tajjeb; għammar fuq l-art, u imxi fil-fedeltà. Tgħaxxaq bil-Mulej, u jagħtik dak li tixtieq qalbek. Erħi f'idejn il-Mulej it-triq tiegħek; afda wkoll fih, u jagħmel hu*" (Salm 37:3-5).

Satana kien l-ewwel wieħed li kien jeħber fl-istorja. Meta Adam u Eva obdew lil Satana pjuttost milli lil Alla, huma kienu qegħdin ifittxu triq qasira għas-setgħa u dominju. Alla kien wiegħed lil Adam ħajja eterna, jekk hu jobdi perfettament il-kmand ta' Alla biex ma jiekolx mis-siġra ta' għarfien tat-tajjeb u l-ħażin. Alla kkmanda lil Adam u lil Evan "*biex inisslu*

*u joktru*" u jimlew l-art (Ġenesi 1:28). Adam kien mogħti dominju fuq l-art sabiex jiżviluppa kultura ġusta —waħda li tigglorifika, tobdi u tgawdi sħubija mal-Ħallieq. Sabiex jiżviluppaw kultura qaddisa, il-bnedmin kellhom ikunu dipendenti għalkollox fuq il-Kelma ta' Alla (qabel il-Waqa' permezz ta' kumnikazzjoni diretta) għal etika personali u għal dak li jappartieni lis-soċjetà. Jekk xi ħadd kien jeħtieġ gwida personali, huma kienu jirċivuha minn Alla. Adan u Eva rriġettaw il-pjan ta' Alla, emmnu l-kelma ta' Satana u ddeċidew li jimxu fuq il-livell etiku tagħhom infushom (Ġenesi 3:1-6). Ir-riżultat taddiżubbidjenza għall-Kelma ta' Alla hu mewt (Ġenesi 2:17), mewta spiritwali u jasar għad dnub u għal Satana f'din il-ħajja; mewta fiżika, infern u l-għadira tan-nar fil-futur. Meta nies ifittxu t-tweġiba għall-problemi tal-ħajja permezz tat-teħbir, huma jagħmlu biss l-affarijiet aktar ħżiena, jagħmlu-hom agħar. L-appostlu Pawlu jgħid dwar dak li nkiteb qabel,

> "*Lanqas għandna nġarrbu 'l Kristu, bħalma x'uħud minnhom ukoll ġarrbuh, u kienu meqrudin mis-sriep. Lanqas tgergu, bħal ma gergru wkoll x'uħud minnhom, u kienu meqrudin mill-qerried.* ***Issa dawn il-ħwejjeġ kollha ġrawlhom b'eżempju; u huma miktubin bħala twiddiba għalina****, aħna li fuqna wasal it-tmiem taż-żminijiet*" (1 Korintin 10:9-11; enfasi tiegħi).

Hija parti normali tan-natura umana li ġġiegħel lin-nies li jfittxu dominju fuq l-art. Hija ħaġa li kulħadd jifhimha lin-nies iridu suċċess f'din il-ħajja. Huwa perfettament raġonevoli li tfittex modi li tegħleb il-problemi tal-ħajja; imma li tagħmel hekk barra mill-Kelma Alla huwa forma ta' idolatrija u qima tiegħek innifsek. Ġesù Kristu qal,

> "*La taħżnux teżori fl-art għalikom, fejn il-kamla u s-sadid iħassru, u fejn il-ħallelin jiftħu u jisirqu: Iżda aħżnu għa-likom teżori fis-sema, fejn la s-sadid uma jħassru, u fejn il-ħallelin la jiftħu u lanqas jisirqu: Għax fejn hu t-teżor tiegħek, hemm qalbek tkun ukoll....* [24]*Ħadd ma jista' jaqdi żewġ sidien: għax jew jobgħod lil wieħed, u jħobb lill-ieħor; jew iżomm ma' wieħed u jżeblaħ lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu 'l Alla u lil mammona [jiġifieri, l-għana] ....*[33]*Iżda fittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla, u l-ħaqq tiegħu; u dawn il-ħwej-jeġ kollha jiżdidulkom*" (Mattew 6:19-21, 24, 33).

Ma hemm ebda newtralità. Suċċess veru, u dominju li jibqa', jistgħu jiġu biss billi tqiegħed lil Kristu l-ewwel fil-ħajja tiegħek. L-uniku mod biex ikollok ħajja li għandha skop hu billi temmen f'Ġesù Kristu u tindem mill-mod ħażin ta' ħajtek. Minflok il-ħafna tlablib fil-vojt u fieragħ ta' dawk li jeħbru, int

għandek tissotto-mmetti għall-Kelma ta' Kristu bħala l-pjan biex tgħix biha.

Forsi inti qiegħed tistaqsi, "Għaliex jiena għandi bżonn li nemmen f'Ġesù Kristu? Mhumiex ir-rakkonti tat-twelid verġni Tiegħu, il-kurċifissjoni u l-qawmien ħrejjef magħmula mill-knisja Kristjana tal-bidu?" Assolutament le, mhumiex! L-appostlu Pietru qal,

> "*Għax aħna ma mxejniex wara ħrejjef minsuġin bil-ħażen, meta għarrafniel-kom is-setgħa u l-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu; imma rajna b'għajnejn l-maestà tiegħu*" (2 Pietru 1:16).

Alla ġie fuq l-art u għammar f'ġisem uman (Filippin 2:5-8). Hu twieled minn verġni, f'Betlehem (Mattew 1:23—2:1). Ġesù għex ħajja bla ebda dnub (Ġwanni 8:46; 1 Ġwanni 3:5). Hu kien maħqur u msallab bħala ħlas bid-demm għall-poplu Tiegħu. L-appostlu Pawlu jgħid hekk,

> "*Li ġġustifkahom b'xejn bil-grazzja tiegħu permezz tal-fidwa li hi fi Kristu Ġesù: Li Alla qiegħdu biex ikun bħala mezz tal-maħfra ta' dnubietna permezz tal-fidi f'demmu, biex juri l-ħaqq tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet ta' qabel, fi żmien is-sabar t'Alla. Biex juri ngħid jien, il-ħaqq tiegħu: fiż-żmien t'issa: biex ikun ġust, u jagħmel ġust lil min jemmen f'Ġesù*" (Rumani 3:24-26).

Ġesù Kristu miet fuq is-salib u kien imqiegħed f'qabar għal tlitt ijiem (Mattew 27:50, 60). Fit-tielet jum, Hu

qam mill-imwiet, rebbieħ fuq id-dnub, id-dinja, il-mewt u Satana. Pawlu jgħid,

> "*Imma issa Kristu qam minn bejn l-imwiet, u sar l-ewwel frott fost dawk li mietu. Għax bħalma bil-bniedem ġiet il-mewt, bil-bniedem ukoll ġie l-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma f'Adam kulħadd imut, hekk ukoll kulħadd jarġa' jieħu l-ħajja fi Kristu. Imma kull wieħed fejn imissu: Kristu l-ewwel frott; imbagħad dawk li huma ta' Kristu fil-miġja tiegħu. Imbagħad jiġi t-tmiem meta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Mis-sier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa. Għax jaħtieġ isal-tan, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh. L-aħħar għadu li jinqered hi l-mewt*" (1 Korintin 15:20-26).

Ġesù Kristu tela' fis-sema (Atti 1:9-11) u qiegħed fuq l-id il-leminija ta' Alla l-Missier (Lhud 1:3-8). Ġesù Kristu issa personalment jinterċiedi għal dawk li jem-mnu Fih. L-appostlu Ġwanni jgħid,

> "*Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust biex jaħfrilna dnubietna, u jnadda-fna minn kull ħażen*" (1 Ġwanni 1:9).

Jekk inti temmen fil-persuna u fix-xogħol tal-Mulej Ġesù Kristu, jekk inti tistqarr lil Kristu bħala l-Mulej tiegħek, tindem minn dnubietek, u titgħammed għall-

maħfra ta' dnubietek, inti tkun salvat. Int ikollok il-ħajja eterna. Ġwanni jgħidilna:

> "*U kif Mosè għolla s-serp fid-deżert, hekk jaħtieġ jitgħolla Bin il-bniedem: Biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla hekk ħabb id-dinja, li ta l-Iben waħdieni tiegħu, biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla ma bagħatx 'l Ibnu fid-dinja biex jikkundanna d-dinja; iżda biex id-dinja tkun salvata bih. Dak li jemmen bih mhux ikkundannat: iżda min ma jemminx hu ġa ikkundannat, għax ma emminx bl-isem ta' l-Iben waħdieni ta' Alla*" (Ġwanni 3:14-18).

Aħna għandna nemmnu u nafdaw fil-Mulej tagħna Ġesù Kristu u mhux f'dawk li jeħbru. It-teħbir mhu se jagħmel xejn għal ġid ta' dak li jkun. Huwa Sidna Ġesù Kristu li jista' jsalva u ħadd aktar! It-teħbir iwassal lil dak li jkun fil-ħofra ta' l-infern,

> "*fid-dlamijiet ta' barra; hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien*" (Mattew 8:12).

*Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!*

Għal aktar informazzjoni ikteb lil:

KNISJA TA' KRISTU

Flat 7, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd - 10.30 a.m.
L-Erbgħa - 7.00 p.m.